# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**2008/0122(COD)**

4.11.2008

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2001/470/KE ta1-Kunsill li tistabbilixxi **Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali**
(COM(2008)0380 – C6-0248/2008 – 2008/0122(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Diana Wallis

PA_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Sabiex ikun assigurat it-twettiq ta' l-għanijiet tal-Programm ta' l-Aja fil-qasaam tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ***u ta' aċċess għall-ġustizzja taċ-ċittadini*** u bi preparazzjoni għat-tkabbir prevedibbli tax-xogħolijiet tan-netwerk fis-snin li ġejjin, jinħtieġ li n-netwerk ikollu qafas ġuridiku mġedded maħsub sabiex itih il-mezzi ta' azzjoni. | (4) Sabiex ikun assigurat it-twettiq ta' l-għanijiet tal-Programm ta' l-Aja fil-qasaam tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u bi preparazzjoni għat-tkabbir prevedibbli tax-xogħolijiet tan-netwerk fis-snin li ġejjin, jinħtieġ li n-netwerk ikollu qafas ġuridiku mġedded maħsub sabiex itih il-mezzi ta' azzjoni. |

**Emenda 2**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) L-ewwelnett, huwa indispensabbli li tintlaħaq strutturazzjoni aqwa ta' l-iffunzjonar tan-netwerk fl-Istati Membri madwar punt ta' kuntatt nazzjonali u, għalhekk, li jissaħħaħ *ir-rwol* ***tiegħu*** kemm fil-qafas tan-netwerk u kemm fir-rigward ta' l-imħallfin, ***tal-prattikanti tal-liġi u tas-soċjetà ċivili***. | (5) L-ewwelnett, huwa indispensabbli li tintlaħaq strutturazzjoni aqwa ta' l-iffunzjonar tan-netwerk fl-Istati Membri madwar punt ***jew punti*** ta' kuntatt nazzjonali u, għalhekk, li jissaħħaħ *l-irwol* ***tal-punti ta' kuntatt*** kemm fil-qafas tan-netwerk u kemm fir-rigward ta' l-imħallfin ***u ta' ċerti assoċjazzjonijiet professjonali***. |

**Emenda 3**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Biex jintlaħaq dan l-għan, huwa neċessarju li punt ta' kuntatt prinċipali f'kull Stat Membru ***jiddedika totalment l-attività tiegħu*** għall-missjonijiet tan-netwerk u ***b'hekk jeżerċita*** bis-sħiħ l-attributi previsti mid-Deċiżjoni 2001/470/KE. | (6) Biex jintlaħaq dan l-għan, huwa neċessarju ***li jkun hemm*** punt ***jew punti*** ta' kuntatt prinċipali f'kull Stat Membru, ***iddedikati*** għall-missjonijiet tan-netwerk u ***għaldaqstant kapaċi jeżerċitaw*** bis-sħiħ l-attributi previsti ***għall-punti ta' kuntatt*** mid-Deċiżjoni 2001/470/KE. |

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Premessa 6 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Għandu jkun stabbilit punt ta' kuntatt speċjali fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej sabiex jittratta l-mistoqsijiet ta' natura ġenerali, b'mod partikulari dwar il-formulazzjoni ta' riferimenti għad-deċiżjonijiet preliminari.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) F'każ li tintagħżel il-liġi ta' Stat Membru ieħor permezz ta' att Komunitarju jew ta' ftehim internazzjonali, il-punti tal-kuntatt tan-netwerk fil-futur irid ikollhom rwol importanti fil-qasam ta' l-informazzjoni ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji u barra mill-qorti fl-Istati Membri ***fuq*** il-kontenut tal-liġi ***barranija***. | (7) F'każ li tintagħżel il-liġi ta' Stat Membru ieħor permezz ta' att Komunitarju jew ta' ftehim internazzjonali, il-punti tal-kuntatt tan-netwerk fil-***futur iridu jkunu ppreparati biex*** ikollhom rwol importanti fil-qasam ta' l-informazzjoni ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji u barra mill-qorti fl-Istati Membri ***dwar*** il-kontenut ta' dik il-liġi. |

**Emenda 6**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) It-trattament tat-talbiet ta' kooperazzjoni mill-punti tal-kuntatt irid isir ***b'ħeffa*** kompatibbli ma' l-għanijiet ġenerali mixtieqa mid-Deċiżjoni. | (8) It-trattament tat-talbiet ta' kooperazzjoni mill-punti tal-kuntatt irid isir ***kemm jista' jkun malajr u b'mod effiċjenti sabiex ikun*** kompatibbli ma' l-għanijiet ġenerali mixtieqa mid-Deċiżjoni. |

**Emenda 7**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Deċiżjoni 2001/470/KE fil-qasam ta' titjib tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-Unjoni u l-aċċess għall-ġustizzja taċ-ċittadini, ***il-professjonijiet legali*** li jaqblu direttament *ma' l-*applikazzjoni ta' l-istrumenti Komunitarji u internazzjonali rigward il-ġustizzja ċivili ***jridu*** jsiru membri tal-liġi tan-netwerk ***fuq il-bażi ta' l-organizzazzjonijiet nazzjonali tagħhom***. | (9) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Deċiżjoni 2001/470/KE fil-qasam ta' titjib tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-Unjoni Ewropea u l-aċċess għall-ġustizzja taċ-ċittadini, ***assoċjazzjonijiet legali bħal dawn li huma involuti*** direttament *fl-*applikazzjoni tal-istrumenti Komunitarji u internazzjonali rigward il-ġustizzja ċivili ***li jkunu nnominati mill-Istati Membri jistgħu*** jsiru membri tan-netwerk. |

**Emenda 8**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) ***Sabiex jiġu żviluppati l-missjonijiet tan-netwerk fil-qasam ta'*** l-aċċess għall-ġustizzja, jaqbel ***ukoll*** li l-punti tal-kuntatt fl-Istati Membri ***jsiru aċċessibbli b'mod progressiv għall-pubbliku permezz ta' mezzi moderni ta' komunikazzjoni***. | (10) ***Sabiex ikun iffaċilitat iktar*** l-aċċess għall-ġustizzja, jaqbel li l-punti tal-kuntatt fl-Istati Membri ***jkunu nkoraġġiti biex jieħdu sehem attiv fl-iżvilupp tal-Ġustizzja Elettronika Ewropea billi jikkontribwixxu għall-konċezzjoni u t-tfassil ta' portali futuri, inkluż il-portal tal-Ġustizzja Elettronika taċ-ċittadini, bħala parti mill-*** |

| | |
|---|---|
| | ***politika ta' Ġustizzja Elettronika tal-Komunità, imfassla b'mod partikulari biex tippermetti aċċess dirett għall-ġustizzja għaċ-ċittadini. Bħala pass tal-bidu, is-siti tal-Internet tal-Ministeri tal-Ġustizzja nazzjonali għandhom jinkludu link għas-sit tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(11) Sabiex tittejjeb il-kunfidenza reċiproka bejn l-imħallfin fl-Unjoni u s-sinerġiji bejn in-netwerks Ewropej li jipparteċipaw, jinħtieġ li n-netwerk ikun jista' isegwi r-relazzjonijiet man-netwerks l-oħra Ewropej li jaqsmu l-istess għanijiet, partikolarment in-netwerks ta' istituzzjonijiet ġudizzjarji **u** ta' l-imħallfin.* | *(11) Sabiex tittejjeb il-kunfidenza reċiproka bejn l-imħallfin **u professjonisti legali oħra** fl-Unjoni u s-sinerġiji bejn in-netwerks Ewropej li jipparteċipaw, jinħtieġ li n-netwerk ikun jista' isegwi r-relazzjonijiet man-netwerks l-oħra Ewropej li jaqsmu l-istess għanijiet, partikolarment in-netwerks ta' istituzzjonijiet ġudizzjarji**,** ta' l-imħallfin **u ta' professjonisti legali oħra**.* |

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi stipulat b'mod ċar li l-koperazzjoni ma' netwerks uffiċjali oħra, inklużi dawk tal-professjonisti legali, għandhom jissaħħu.*

**Emenda 10**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 1 – punt a – punt i a (ġdid)**
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) għandu jiżdied il-punt (da) li ġej:*** |
| | ***"(da) punt ta' kuntatt speċjali fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej sabiex jittratta l-mistoqsijiet ta' natura ġenerali b'rabta mal-proċedimenti*** |

| | |
|---|---|
| | ***quddiem dik l-istituzzjoni, b'mod partikulari dwar il-formulazzjoni ta' riferimenti għad-deċiżjonijiet preliminari;";*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 1 – punt a – punt ii**
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 2 - paragrafu 1 – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) l-ordnijiet professjonali li fil-livell nazzjonali ta' l-Istati Membri jirrappreżentaw l-avukati, in-nutara, l-marixxalli u l-professjonisti legali l-oħra li jipparteċipaw direttament fl-applikazzjoni ta' l-atti Komunitarji u ta' l-istrumenti internazzjonali relattivi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali. | (e) ordnijiet professjonali ***ta' dan it-tip*** li fil-livell nazzjonali tal-Istati Membri jirrappreżentaw l-avukati, in-nutara ***f'sistema ta' liġi ċivili, il***-marixxalli u l-professjonisti legali l-oħra li jipparteċipaw direttament fl-applikazzjoni tal-atti Komunitarji u tal-istrumenti internazzjonali relattivi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali ***li l-Istati Membri jistgħu jiddelegaw, bil-kunsens tagħhom, sabiex jipprovdu informazzjoni lura dwar il-funzjonament tas-sistema ta' ġustizzja ċivili fil-livell Ewropew u jawtorizzaw biex iressqu mistoqsijiet ta' natura ġenerali***. |

**Emenda 12**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 1 – punt b – punt i**
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 2 – paragrafu 2 – sottoparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "Meta Stat Membru jaħtar diversi punti tal-kuntatt, huwa għandu jaħtar fosthom punt tal-kuntatt prinċipali u jassigura l-iffunzjonar tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni adattati bejniethom. ***Il-persuna maħtura bħala*** punt ta' kuntatt uniku jew ***bħala*** punt ta' kuntatt prinċipali | Meta Stat Membru jaħtar diversi punti tal-kuntatt, huwa għandu jaħtar fosthom punt ***jew punti*** tal-kuntatt prinċipali u jassigura l-iffunzjonar tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni adattati bejniethom. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-*** punt ta' kuntatt uniku jew il-punt ***jew punti*** |

| | |
|---|---|
| ta' Stat Membru ***teżerċita esklussivament il***-funzjonijiet ta' punt tal-kuntatt ***previsti minn din id-Deċiżjoni, bl-esklużjoni ta' kull*** funzjoni oħra, partikolarment dawk imsemmija mid-Deċiżjoni fil-paragrafu 1 b), *ċ)*, d) u e)." | ta' kuntatt prinċipali ta' ***kull*** Stat Membru ***jingħatawlhom ir-riżorsi umani u teknoloġiċi meħtieġa biex iwettqu l-*** funzjonijiet ta' punt tal-kuntatt ***b'mod effettiv u effiċjenti mingħajr ma jaffettwaw ħażin kwalunkwe*** funzjoni oħra, partikolarment dawk imsemmija mid-Deċiżjoni fil-paragrafu 1 b), *c)*, d) u e). |

**Emenda 13**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 1 – punt b – punt ii**
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 2 – paragrafu 2 – sottoparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Jekk ***il-***punt tal-kuntatt maħtur bis-saħħa tal-paragrafu 2 mhuwiex imħallef, ***l-Istat Membru konċernat għandu jaħtar*** imħallef sabiex ***jassistih*** fix-xogħol ta' kooperazzjoni tiegħu ma' l-awtoritajiet ġudizzjarji lokali. ***Dan*** l-imħallef ***għandu jkun membru sħiħ*** tan-netwerk. | Jekk punt tal-kuntatt maħtur bis-saħħa tal-paragrafu 2 mhuwiex imħallef, ***il-punt ta' kuntatt ikkonċernat jista' jitlob li jinħatar*** imħallef ***jew jinħatru mħallfin*** sabiex ***jassisti/u*** fix-xogħol ta' kooperazzjoni tiegħu mal-awtoritajiet ġudizzjarji lokali. L-imħallef ***jew imħallfin in kwistjoni jistgħu jkunu nnominati bħala membri sħaħ jew ad hoc*** tan-netwerk. |

**Emenda 14**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Artikolu 1 –punt 1 – punt b a (ġdid)**
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 2 – paragrafu 2 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) Għandu jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:*** |
| | ***"2a. Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandu jinnomina l-punt ta' kuntatt imsemmi fil-paragrafu 1, punt (da).".*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c (a) (ġdid)**
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 2 – paragrafu 4 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) Jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:*** |
| | ***"4a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-assoċjazzjonijiet professjonali msemmija fil-paragrafu 1 e). Għal dan il-għan, huma għandu jkollhom il-qbil tal-assoċjazzjonijiet professjonali kkonċernati dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fin-netwerk.".*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2 – punt a**
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) Il-paragrafu 1 b) huwa sostitwit mit-test li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***"(b) jiġi faċilitat l-aċċess effettiv tal-pubbliku għall-ġustizzja, partikolarment minn azzjonijiet ta' informazzjoni dwar l-iffunzjonar ta' l-atti Komunitarji u ta' l-istrumenti intenazzjonali dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali."*** | |

**Emenda 17**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Artikolu 1 –punt 2 – punt b a (ġdid)**
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) Għandu jiddaħħal il-punt (ba) li ġej:*** |
| | ***"(ba) il-ħolqien, permezz ta' dan, ta' portal elettroniku bil-għan li jkun hemm aċċess għall-każistika fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali tal-qrati nazzjonali superjuri u l-qrati nazzjonali distrettwali tal-Istati Membri kollha bil-għan li tkompli tiġi żviluppata l-koperazzjoni ġudizzjarja fil-qafas tan-Netwerk; il-każistika kkonċernata għandha tiġi tradotta għal-lingwi uffiċjali tal-Komunità Ewropea;".*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 3 – punt b – punt ii**
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 5 – punt 2 – punt c a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *c)*a) ***il-***pubbliku ***jiġi informat dwar il-*** kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali fl-intern ta' l-Unjoni Ewropea, fuq l-istrumenti Komunitarji u internazzjonali pertinenti u fuq il-liġi interna ta' l-Istati Membri, ***partikolarment f'dak li jikkonċerna l-aċċess għas-sistemi tal-qrati;*** | *ca)* ***ikun permess lill-***pubbliku ***li jkollu aċċess għall-informazzjoni dwar*** il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali fl-intern tal-Unjoni Ewropea, fuq l-istrumenti Komunitarji u internazzjonali pertinenti u fuq il-liġi interna tal-Istati Membri, ***b'mod partikulari permezz tal-forniment mis-siti tal-Internet tal-Ministeri tal-Ġustizzja nazzjonali ta' link għas-sit tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew***; |

**Emenda 19**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt b (a) (ġdid)**
Décision 2001/470/EC
Article 5 – paragraphe 2 bis (nouveau)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(b a) Jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej: "2a.*** |
| | ***L-assoċjazzjonijiet professjonali msemmija fl-Artikolu 2(1) punt (e) għandhom jaħdmu flimkien mal-punti ta' kuntatt, skont il-proċeduri deċiżi minn kull Stat Membru, biex iwettqu l-ħidmiet u l-attivitajiet li ġejjin assenjati lin-netwerk :*** |
| | ***- jiffaċilitaw il-koperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali ;*** |
| | ***- jiffaċilitaw l-applikazzjoni effettiva u konkreta tal-atti jew il-konvenzjonijiet Komunitarji fis-seħħ bejn żewġ Stati Membri jew aktar mill-professjonijisti legali;*** |
| | ***- jiffaċilitaw l-aċċess għall-ġustizzja, b'mod partikulari billi, fejn huwa meħtieġ, jgħinu fit-tfassil u fl-aġġornament tal-paġni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 15.*** |
| | ***Sabiex jitwettqu l-ħidmiet imsemmija hawn fuq u tinxtered l-esperjenza tagħhom kemm jista' jkun, il-punti ta' kuntatt għandu jkollhom komunikazzjoni regolari mal-assoċjazzjonijiet professjonali.*** |
| | ***Għal dan il-għan, il-punti ta' kuntatt għandhom jgħaddulhom l-informazzjoni ġenerali dwar l-implimentazzjoni tal-atti Komunitarji jew l-istrumenti internazzjonali marbuta mal-koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe informazzjoni marbuta ma' każ individwali.".*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 3 – punt b – punt iii**
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) jiġi ppreparat rapport biannwali dwar l-attivitajiet tagħhom u jippreżentawh matul laqgħa tal-membri tan-netwerk. | (f) jiġi ppreparat rapport biannwali dwar l-attivitajiet tagħhom u jippreżentawh matul laqgħa tal-membri tan-netwerk. ***Dan ir-rapport għandu jirrakkomanda l-aqwa prattiki u jiġbed l-attenzjoni speċifikament għan-nuqqasijiet fin-netwerk.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 8**
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 12 a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *1.* In-netwerk ikollu relazzjonijiet man-netwerks Ewropej l-oħra li jaqsmu l-istess għanijiet, partikolarment man-netwerk ġudizzjarju Ewropew fil-qasam penali u n-netwerk Ewropew ta' taħriġ ta' l-imħallfin. | *1. In-netwerk ikollu relazzjonijiet man-netwerks Ewropej l-oħra li jaqsmu l-istess għanijiet, partikolarment man-netwerk ġudizzjarju Ewropew fil-qasam penali****, in-Netwerk Notarjali Ewropew*** *u n-netwerk Ewropew ta' taħriġ ta' l-imħallfin.* |

*Ġustifikazzjoni*

*In-netwerk notarjali Ewropew għalissa huwa l-ewwel netwerk maħluq minn professjoni legali. Bħala eżempju ta' prattika tajba u sabiex ikun hemm integrazzjoni aktar b'saħħitha tal-professjonijiet legali fin-netwerk ġudizzjarju Ewropew, dan l-eżempju għandu jissemma espliċitament fit-test tad-deċiżjoni.*

**Emenda 22**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 11**
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 13 a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-punti tal-kuntatt tan-netwerk għandhom isiru*** aċċessibbli b'mod progressiv għall-pubbliku permezz tal-mezzi teknoloġiċi l-aktar xierqa sabiex dan tingħata informazzjoni dwar il-kontenut u l-applikazzjoni ta' l-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali relattivi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali ***u, jekk ikun meħtieġ, li jiġi riferut għand l-awtoritajiet responsabbli mill-applikazzjoni konkreta tagħhom, partikolarment dawk stipulati fl-Artikolu 6.*** | ***L-informazzjoni disponibbli fuq in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew għandha ssir*** aċċessibbli b'mod progressiv għall-pubbliku permezz tal-mezzi teknoloġiċi l-aktar xierqa sabiex dan jingħata informazzjoni dwar il-kontenut u l-applikazzjoni tal-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali relattivi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali. |

**Emenda 23**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 13**
Deċiżjoni 2001/470/KE
Artikolu 19

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sa l-aktar tard it-[...] [*tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni*], u wara kull tliet snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali rapport relattiv għall-attivitajiet tan-netwerk. Dan ir-rapport ikollu miegħu, jekk ikun il-każ, proposti ***bil-ħsieb li jadattaw din id-Deċiżjoni***. | Sa l-aktar tard it-[...] [*tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni*], u wara kull tliet snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ***Ewropew*** rapport relattiv għall-attivitajiet tan-netwerk. Dan ir-rapport għandu jkollu miegħu, jekk ikun il-każ, proposti ***għall-adattament u għandu jorbot speċifikament l-attivitajiet tan-netwerk mal-progress fit-tfassil, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Ġustizzja Elettronika Ewropea, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-iffaċilitar tal-aċċess taċ-ċittadini għall-ġustizzja***. |

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | It-twaqqif ta' Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali |
| **Referenzi** | COM(2008)0380 – C6-0248/2008 – 2008/0122(COD) |
| **Kumitat responsabbli** | LIBE |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>10.7.2008 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Diana Wallis<br>9.9.2008 |
| **Data tal-adozzjoni** | 4.11.2008 |
| **Riżlutat tal-votazzjoni finali** | +: 25<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Carlo Casini, Titus Corlăţean, Bert Doorn, Monica Frassoni, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Neena Gill, Othmar Karas, Klaus-Heiner Lehne, Katalin Lévai, Antonio López-Istúriz White, Antonio Masip Hidalgo, Hans-Peter Mayer, Manuel Medina Ortega, Aloyzas Sakalas, Francesco Enrico Speroni, Diana Wallis, Jaroslav Zvěřina, Tadeusz Zwiefka |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Sharon Bowles, Eva Lichtenberger, Rareş-Lucian Niculescu, Georgios Papastamkos, József Szájer, Jacques Toubon, Renate Weber |